Għawdex Qabel ir-Ritratti (24) minn JOHN CREMONA

# Artisti li għamlulna ġieħ

Sa meta tiġi f'idejkom din il-ħarġa ta' "Il-Ħajja f'Għawdex", fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u fil-*Banca Giuratale* ser tkun infetħet wirja unika intitolata '***L-Artisti Busuttil – wirt ta' tliet ġenerazzjonijiet***' li għall-ewwel darba qed tiġbor flimkien bosta xogħlijiet artistiċi ta' diversi membri tal-familja Busuttil.

Il familja Busuttil oriġinat mill Belt Valletta iżda permezz ta' żwieġ ma' tfajla Għawdxija, din il-familja kellha rabtiet mill-qrib ħafna ma' Għawdex. Fil-fatt ħafna mill-membri ta' din il-familja baqgħu jgħixu f'Għawdex u l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tagħhom jinstabu f'Għawdex.

Ħsibt allura li jkun xieraq li dan ix-xahar nitħaddet dwar inċiżjoni li saret fuq xogħol ta' wieħed mill-membri ta' din il-familja, Clemente Busuttil li għalkemm imwieled Malta fl-1810, għex il-parti l-kbira ta' ħajtu f'Għawdex fejn miet fl-1883. Biex tifhmu aħjar, dan Clemente kien bin Michele li pitter il-kwadru titulari tal-Katidral ta' Għawdex u ħu Salvatore li pitter it-titular tal-parroċċa ta' Kerċem. Fost ix-xogħlijiet ta' Clemente nsibu l-faċċata tal-parroċċa ta' Sannat u l-pjanta tal-knisja l-qadima tax-Xlendi.




L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika f'din il-ħarġa hija pjanta tat-tempji tal-Ġgantija magħmula fuq disinji ta' Clemente u ppubblikata mill-Ġeneral Alberto de la Marmora fl-1836 f'ittra indirizzata lill-arkeologu Franċiż Raoul Rochette u ppubblikata fl-ewwel volum tan- '*Nouvelles Annales Publiees par la section Francaise de l-Institut Archeologique*'. Din l-ittra hija l-ewwel deskrizzjoni dettaljata tat-Tempji tal-Ġgantija dritt wara li kienu ġew imnaddfa minn Otto Bayer u l-inċiżjonijiet li jakkumpanjaw din l-ittra huma disinni pjuttost preċiżi tat-tempji.

Interessanti l-osservazzjoni li jagħmel De la Marmora fl-ittra tiegħu dwar il-ħiliet artistiċi ta' Clemente. Huwa jgħid li meta żar il-Ġgantija fl-1834, beda jieħu l-qisien tat-tempji, iżda meta ra l-pjanti preċiżi ta' Busuttil iddeċieda li ma jkomplix jieħu qisien u juża l pjanta ta' Busuttil. Id-disinji ta' Busuttil intbagħtu lis-Soċjetà Rjali ta' Londra fejn saru l-kopji tagħhom. La Marmora jgħid li kopja tad-disinji ta' Busuttil kienet tinstab ukoll għand John Otto Bayer li kien wettaq xogħlijiet ta' tindif kemm fil-Ġgantija kif ukoll fl-Ipoġew li semmejna. Minbarra l-pjanta, Clemente għamel ukoll diversi 'cross-sections' tal-Ġgantija li La Marmora ppubblika f'inċiżjoni oħra li takkumpanja din li qed nitkellmu dwarha llum u li nitkellem dwarha f'artiklu ieħor.

Fl-istess inċiżjoni jidhru veduti żgħar ta' l-Ipoġew tax-Xagħra kif ukoll ta' Ħaġar Qim kif ukoll pjanti tagħhom, iżda dawn m'humiex xogħol ta' Busuttil imma meħuda mill-ktieb ta' Jean Houel li dwaru tkellimna ħafna drabi f'dawn l-artikli. Dan minħabba li meta sar dan ix-xogħol, l-istruttura tal-ġebel f'forma tonda biż-żewġ plieri kbar li jimmarkaw id-dħul, kienu diġà ġew meqruda minn sid l-għalqa li ma laħaqx ftehim mal-Gvern Ingliż dwar il-ħlas għall-għalqa.

L-inċiżjoni hija intitolata '*Plan de la Giganteja et autres antiquites de Malte et de Gozo*'. Hija mmarkata bħala Pl2 bid-data 1836. Il-qisien tagħha pjuttost kbar huma 365mm x 515mm.



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY

